MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2011

Numru. 673/2011

Il-Pulizija
(Sp Carlos Cordina)
vs
Dawda Gera, iben Kama, imwieled il-Mali fis-sena 1987,
Karta ta' l-Identita numru 11B062
u
Numijon Isa, iben Numijon, imwieled il-Mali fis-sena 1986,
Karta ta' l-Identita numru 11B201
u
Mohamed Mari Mohamed,
iben Farah, imwieled is-Somalia fis-26 ta' Ġunju, 1984,
Karta ta' l-Identita numru 11B148
u
Traole Seiko, iben Dipa, imwieled il-Mali fis-sena 1985,
Karta ta' l-Identita numru 11B122
u
Mohamed Bamba, iben Sheka, imwieled il-Kosta ta' l-Avorju, fis-sena 1987, Karta ta' l-Identita numru 11B134

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli fis-27 ta' Mejju, 2011 ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni, Safi għal ħabta tad-9.00 p.m. ikkaġunaw ħsara fi proprjeta' mobbli u immobbli għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema ammont jeċċedi s-somma ta' €116.47 iżda mhux l-ammont ta' €1,164.69;
2. talli fl-istess data, ħin u lok hedded bil-kliem lill-Kurunell Brian Gatt u il-Bumbardier J. Fiteni;
3. talli fl-istess data, ħin u lok ħolqu biża lill-Kurunell Brian Gatt u il-Bumbardier J. Fiteni;
4. talli fl-istess data, ħin u lok kisru l-bon ordni u il-paċi pubblika u il-mistrieh tan-nies;
Il-Qorti ġiet mitlub li f'każ ta'ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal-persuni hawn fuq imsemmija.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2011 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannhom għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------